**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 28 ta' Jannar, 2016**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 1152/2014**

**Gaming VC Corporation Limited u**
**GVC Holdings p.l.c., socjeta registrata**
**l-Isle of Man bin-numru tar-registrazzjoni 4685V**

**vs**

**Harvey Gaming Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tas-17 ta' Dicembru 2014 li jghid hekk:

1. Illi GVC Holdings p.l.c., socjeta inkorporata fl-Isle of Man bin-numru tar-registrazzjoni 4685V hija kumpannija internazzjonali li ilha topera u tinnegozja f'sports betting u gaming mis-sena 2004, socjeta illi tul iz-zmien akkwistat reputazzjoni u goodwill ta' portata eccezzjonali fil-kamp imsemmi, mhux biss fuq is-suq lokali izda anke fuq is-suq internazzjonali tant illi hija wkoll sahansitra kkwotata mill-borza ta' Londra;

2. Illi s-socjeta rikorrenti l-ohra Gaming VC Corporation Limited giet inkorporata f'Malta fl-2006 u hija sussidjarja ta' GVC Holdings p.l.c.. Gaming VC Corporation Limited kienet topera sit elettroniku li kien joffri varji loghob tal-azzard bl-isem www.betaland.com u dan permezz ta' licenzja mahruga mill-Awtorita Maltija li tirregola l-Loghob tal-Azzard fuq l-internet u cioe l-Lotteries and Gaming Authority ("LGA") liema licenzja ggib in-numru LGA/CL2/350/2007;

3. Illi fil-bidu tas-sena 2012, u cioe qabel ma giet inkorporata s-socjeta intimata fil-15 ta' Marzu, 2012, is-socjeta Gaming VC Corporation Limited bdiet diskussjonijiet mal-

persuni li llum jirrapprezentaw lis-socjeta intimata u dan, bil-ghan illi dawn tal-ahhar jixtru n-negozju ta' www.betaland.com minghand Gaming VC Corporation Limited bhala going business concern;

4. IIli ghalhekk, is-societa intimata giet inkorporata fil-15 ta' Marzu, 2012 u dan, appozitament, sabiex tixtri n-negozju ta' www.betaland.com. u wara numru ta' laqghat u diversi negozjati fuq ii-forma tal-kuntratt tat-trasferiment is-socjeta Gaming VC Corporation Limited u s-socjeta intimata ffirmaw ii-licensed Business Transfer Agreement hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. GVC1 fit-3 ta' April, 2012;

5. Illi fost it-termini u kundizzjonijiet kollha msemmija f'dan it-Transfer Agreement, il-partijiet qablu illi jintrabtu, senjatament f'klawsola numru sebgha punt tnejn (7.2) tal-istess, illi "Within twenty four months from Completion the Transferee is binding itself to change its name to a name which cannot be reasonably interpreted as being associated with the Transferor or the group of companies to which the Transferor belongs in any way and that does not include "GVC" or "Gaming VC" in its name";

6. Illi effettivament il-"Completion" sehhet fl-4 ta' Mejju, 2012, u cioe d-data li fiha l-LGA formalment approvat it-trasferiment tal-LGA License minn fuq is-socjeta Gaming VC Corporation Limited ghal fuq is-socjeta intimata;

7. Illi r-raguni ghalfejn, permezz tal-klawsola 7.2 msemmija, is-socjeta Gaming VC Corporation Limited, in bona fede, ikkoncediet lis-socjeta intimata perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar li fih hija setghet tkompli topera bl-isem "GVC" kien biex ittiha imbuttatura billi tippermettilha tirkeb fuq isimha ghall-perjodu msemmi sabiex hija tkun tista’ ssib saqajha pero certament ghal ebda gurnata izjed min dawn is-sentejn u l-istess qatt mha geddiet dan il-perjodu wara l-eghluq ta' sentejn;

8. Illi barra minn hekk ghandu jigi carat illi, hlief ghat-Transfer Agreement imsemmi, ma hemm l-ebda relazzjoni bejn is-socjeta Gaming VC Corporation Limited u I-grupp tal-kumpanniji GVC Holdings p.l.c. mas-socjeta intimata;

9. Illi mill-4 ta' Mejju, 2014, u cioe 24 xahar wara l-gurnata tal-completion is-socjeta intimata, in pessima mala fede, baqghat tinnegozja u topera bl-istess isem. Illi fil-fatt, harsa biss lejn zewg estratti mehuda mis-sit www.betaland.com ('Dok. GV2'), u cioe estratt tal-homepage u tal-pagna intitolata "About Us" turi bic-car kif is-socjeta intimata baqghat topera, inter alia, dan is-sit billi tipprezenta lilha nfisha bl-isem tas-socjetajiet rikorrenti. IIli barra minn hekk, kif johrog minn "Dok. GV3' hawn anness, u cioe estratt mehud mis-sit elettroniku tal-LGA, is-socjeta intimata, naturalment, qeghda wkoll tipprezenta ruhha u taghmel uzu mill-isem tas-socjetajiet rikorrenti u telenka ruhha fast dawk is-socjetajiet li huma licenzjati biex joperaw is-siti elettronici ta' betting;

10. Illi l-agir tas-socjeta intimata, u cioe li b'mod abbuziv, illegali u kontra l-ftehim milhuq in iskritt, kompliet topera u tinnegozja bl-isem li jinkludi "GVC", agir dan li mhux biss jikser, b'mod palezi, l-obbligazzjoni assunta minnha fit-Transfer Agreement hawn fuq imsemmi izda jikser ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, senjatament l-artikolu 32 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex jammonta ghal konkerrenza zleali billi qed igib it-tahwid mal-isem tas-socjeta rikorrenti Gaming VC Corporation Limited, kif ukoll mal-isem tal-grupp ta' kumpanniji

GVC Holdings p.l.c., u qieghed iqarraq bil-klijentela fis-settur ta' online gambling bir-rizultat li qieghed jikkawza danni irrimedjabbli u kontinwi, inkluzi danni konsistenti f'telf ta' reputazzjoni, lill-istess socjetajiet rikorrenti u sahansitra anke lill-grupp kollu tal-kumpanniji u dan billi jirkbu 'piggy back' fuq ir-reputazzjoni tas-socjetajiet rikorrenti. Dan partikolarment meta filwaqt illi s-socjetajiet rikorrenti jgawdu min reputazzjoni tajba, biex jipprotegu l-isem taghhom kellhom jehilsu mill-klijentela jew kull operat fl-Italja minhabba r-reputazzjoni hazina li operat fl-Italja ta' dan it-tip igib mieghu u din kienet raguni ewlenija li wassal biex Gaming VC Corporation Limited tehles mill-operat ta' betaland.com. Huwa ghalhekk ukoll illi min meta kellhom jiefqu juzaw kull isem relatat ma' GVC sal-gurnata tal-llum, is-socjetajiet rikorrenti qeghdin ta' kuljum jitilfu mir-reputazzjoni li jgawdu kif inghad iktar 'l fuq;

11. Illi is-socjeta intimata, minkejja illi din l-Onorabbli Qorti, permezz tad-digriet taghha tas-27 ta' Novembru, 2014, laqghat it-talba tas-socjetajiet esponenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra taghha u inibita "milli b'kwalsiasi mod tuza jew tinnegozja bl-isem "GVC" jew "Gaming VC" jew b'kwalunkwe isem iehor simili ghall-istess jew derivanti mill-istess ismijiet "Gaming VC Corporation Limited" jew "GVC Holdings p.l.c.", kopja ta' dan id-digriet hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. GVC4", is-socjeta' intimata baqghat tostina ruha u kompliet topera u tinnegozja bl-isem "GVC" daqs li kieku ma kien l-ebda ordni mill-Qorti biex jiefqu tant illi hemm bhalissa proceduri legali abbazi tal-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra s-socjeta intimata ghad-disprezz illi wriet lejn l-awtorita taghha, (ara kopja ta' dan id-digriet fejn il-Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti biex jibda kawza ta' disprezz kontra s-socjeta intimata, "Dok. GVC5";

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija u ghal dawk illi ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjetajiet rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi s-socjeta intimata hija responsabbli ghal konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti, jew min minnhom a tenur tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara wkoll illi meta s-socjeta intimata kompliet topera u tinnegozja bl-isem "GVC" hija kisret l-obbligu assunt minnha meta ffirmat il-licensed Business Transfer Agreement fit-3 ta' April, 2012, senjatament l-obbligu naxxenti minn klawsola numru 7.2 tal-istess;
3. Tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1732/2014/LSO mahrug minn din l-Onorabbli Qorti sabiex is-socjeta intimata tigi inibita b'mod permanenti milli b'kwalsiasi mod tuza jew tinnegozja bl-isem "GVC" jew "Gaming VC" jew b'kwalunkwe isem iehor simili ghall-istess jew derivanti mill-ismijiet "Gaming VC Corporation Limited" jew "GVC Holdings p.l.c.";
4. Tordna kull rimedju iehor li, fic-cirkostanzi, jnehhi l-effetti tal-atti li bihom saret il-konkorrenza zleali u/jew il-ksur ta' klawsola numru 7.2 tal-Licensed Business Transfer Agreement tat-3 ta' April, 2012;
5. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti, jew min minnhom, penali ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u mhux iktar minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmiu (€4,658.75) u dan ai termini tal-artikolu 37 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tiddikjara illi minhabba l-agir abbuziv u illegali tas-socjeta intimata, is-socjetajiet rikorrenti sofrew danni ingenti kif ghadhom isofruhom sal-lum u sakemm is-socjeta intimata tieqaf mill-agir abbuziv u illegali taghha, fil-waqt li wkoll tiddikjara li ghal dawn id-danni hija responsabbli unikament is-socjeta intimata;
7. Tillikwida dawn id-danni, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi; u
8. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti, jew min minnhom, dawk id-danni li jigu hekk illikwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1732/2014/LSO, kontra s-socjeta intimata li minn issa d-Diretturi u ufficjali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni u okkorrendo, bl-imghaxxijiet legali.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma jikkonkonux l-elementi ta' konkorrenza zleali da parti tas-socjeta esponenti fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti a tenur tal-artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta u, kif ghandu jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, is-socjeta esponenti bl-ebda mod ma kkonkorriet zlejalment mas-socjetajiet attrici, in kwantu illi ma jezistux l-elementi mehtiega ghal tali konkorrenza zleali u ghalhekk ma ghandhiex is-socjeta esponenti tigi kkundannata sabiex thallas lis-socjetajiet rikorrenti penali ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ghandha s-socjeta attrici tigi ordnata li tirrimedja xi att jew atti;

2. Illi subordinatament mhux minnu illi s-socjeta esponenti kompliet topera u tinnegozja bl-isem 'GVC' u kisret l-obbligu assunt minnha meta ffirmat il-Licensed Business Transfer Agreement fit-3 ta' April 2012 in kwantu illi s-socjeta esponenti uzat l-isem 'GVC' skont kif miftiehem senjatament permezz ta' klawsola numru 7.2 tal-Ftehim u bidlet dan l-isem regolarment u minghajr dewmien;

3. Illi wkoll subordinatament, mhux minnu illi s-socjetajiet rikorrenti sofrew xi danni minhabba xi agir tas-socjeta esponenti u ghalhekk ma ghandhiex is-socjeta esponenti tigi kkundannata sabiex thallas xi ammont ta' danni lis-socjetajiet rikorrenti stante illi s-socjeta esponenti dejjem onorat it-termini tal-ftehim;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet elenkati fis-suespost, is-socjeta esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti, tirrespingi t-talbiet tas-socjetajiet attrici fl-intier taghhom, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permess mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici illi minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Mejju 2015 li bih is-socjetajiet rikorrenti rtiraw it-tielet, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talbiet filwaqt li zammew firm fuq it-talbiet l-ohra kollha taghhom;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Karl Diacono, direttur taz-zewg kumpaniji rikorrenti, xehed li GVC Holding hija kumpanija pubblika u qeghda listed fuq l-iStock Exchange mentri GVC Company topera fil-gaming industry. Kien sar il-ftehim u huma taw concession lill-intimati biex jibqghu juzaw l-isem taghhom ghal sentejn, sal- 4 ta' Mejju 2014 izda dawn baqghu juzawh wara li ghadda dana t-terminu. Wara li fethulhom din il-kawza, l-intimati biddlu isimhom. Dan il-ftehim kien sar ghax huma riedu johorgu mis-suq Taljan. Ghalhekk ittrasferew ii-business tal-kumpanija, izda mhux il-kumpanija. Huwa ma jaqbilx li s-socjeta intimata kienet hallset id-dejn kollu tal-kumpanija GVC. Id-dejn ma ghandux x'jaqsam mal-concession li tawhom. Skond l-artikolu 7:2 il-completion date kien ta' 24 xahar wara li giet trasferita l-licenzja, cioe fl-4 ta' Mejju 2014. Fl-artikolu 6:1 hemm id-definizzjoni ta' completion li tfisser meta t-transactions specifikati fl-iskeda 1 u l-LGA taghti approvazzjoni formali tat-transfer tal-licenzja. L-intimati ma zammewx mal-obbligi tagghom li jhallsu d-dejn li kien hemm mentri huma ttrasferew l-assi mal-ftehim u l-intimati ilium qed qed juzaw dawn l-assi.

Meta reggha xehed Karl Diacono qal li nonostante li s-socjeta intimata kienet biddlet isimiha, hija baqghet tuza l-isem GVC New Ltd (ara Dok. KD1), avvolja kien hemm ordni mill-Qorti biex hi ma tibqax tuza dak l-isem u huma tkomplew jirkbu fuq l-isem taghhom. Ghalkemm GVC New ma ghadhiex tezisti illum, hija qed tuza l-GVC bhala brand name (ara Dok. KD3). Is-socjeta intimata ghadha wkoll ma infurmatx lil LGA li ma ghadhiex GVC (ara Dok. KD5).

**Talbiet u kontestazzjoni**

Illi s-socjetajiet rikorrenti qed jitlobu penali a tenur tal-artikolu 37 tal-Kapitolu 13 billi qed jallegaw li s-socjeta intimata hija responsabbli ghal konkorrenza zleali a tenur

tal-artikolu 32 tal-istess kapitolu kif ukoll billi kisret il-Licensed Business Transfer Agreement tat-3 ta' April 2012, senjatament l-obbligu naxxenti minn klawsola numru 7.2 tal-istess ftehim billi kompliet topera u tinnegozja bl-isem "GVC" wara li ghaddew l-24 xahar skond il-ftehim.

Is-socjeta intimata wiegbet li hija ma ghandha tigi kkundannata thallas xejn lis-socjetajiet rikorrenti billi hija bl-ebda mod ma kkonkorriet zlejalment mas-socjetajiet rikorrenti u lanqas ma huwa minnu illi s-socjeta intimata nnegozjat bl-isem 'GVC' bi ksur tal-obbligu assunt minnha meta ffirmat il-Licensed Business Transfer Agreement.

Ilii s-socjetajiet rikorrenti irtiraw it-tielet, sitt, sebgha u tmien talbiet taghhom fejn kienu talbu biex jigi konfermat il-mandat ta' inibizzjoni kif ukoll danni allegatament subiti. Minflok issa qed jitlobu biss penali minhabba l-allegat ksur.

**Intempestivita**

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti taghha (ara para. 8) is-socjeta intimata tilmenta li s-socjetajiet rikorrenti ntavolaw dawn il-proceduri minghajr qatt qabel ma interpellaw b'xi mod jew manjiera lis-socjeta intimata sabiex tibdel l-isem taghha.

Fil-fehma tal-Qorti s-socjeta intimata ma ghandhiex ragun u ma tistax tghid li giet sorprisa b'dawn il-proceduri meta l-Qorti, diversament presjeduta, kienet diga laqghet it-talba tas-socjetajiet rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u dawn kellhom, fit-terminu moghti lilhom mill-ligi, jipprezentaw l-azzjoni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet minnhom pretizi. Din l-oggezzjoni tal-intimati ghalhekk ma ghandhiex mertu.

**Ftehim u l-ligijiet applikabbli**

Fil-kaz odjern ir-rikorrenti sostanzjlament qed jistriehu fuq zewg binarji bhala bazi legali tad-drittijiet vantati minnhom cioe (1) Il-Licensed Business Transfer Agreement (il-Ftehim) iffirmat bejn GVC Corporation Limited u GVC New Limited; u (2) id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, senjatament l-artikolu 32 u 37 tal-istess.

**Transfer agreement**

Riferibbilment ghall-ftehim, hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-kelma 'Completion'. Il-klawsola 7.2. tal-ftehim tghid hekk:

> Within twenty four months from Completion the Transferee is binding itself to change its name to a name which cannot be reasonably interpreted as being associated with the Transferor or the group of companies to which the Transferor belongs in any way and that does not include "GVC" or "Gaming VC" in its name.

Imbaghad l-artikolu 1:1 jiddefinixxi 'Completion' bhala "Completion of the Transfer" waqt li 'Transfer' hu definit bhala "the transfer of the business and the Assets by the Transferor to the Transferee".

Artikolu 6:1 jispjega meta ssir il-Completion:

> Completion shall take place following the execution of this Transfer Agreement when the transactions specified in Schedule 1 shall be carried out and when the LGA issues formal approval in writing for the transfer of the LGA licences subject to this Transfer Agreement.

Schedule 1 isemmi x'inhuma l-obligazzjonijiet tar-rikorrenti u tal-intimati. Schedule 2 jaghti l-lista tal-assi.

**Konkorrenza sleali**

Il-jedd protett ai termini tal-artikoli 32 u 37 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta (abbuz ta' uzu ta' ismijiet, marki jew sinjali distintivi) jipprovdu li:

> 32. Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skont il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skont l-Att dwar it-Trademarks, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta.
>
> 37(1) Il-kummercjant li jikser xi wahda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sas-36, inkluzivament, hu suggett ghall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijlet jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghal penali. Barra minn dan, il-kummercjant danneggjat jista' jitlob li dak kollu li jkun sar kontra l-projbizzjonijiet hawn fuq imsemmija jigi meqrud, jew li jigi ordnat kull

rimedju iehor illi jista', skont ma jkunu c-cirkostanzi, inehhi l-att li bih tkun saret il-konkorrenza mhux lecita.
(2) L-azzjoni ghad-danni u l-imghaxijiet taht dan l-artikolu titmexxa skont ir-regoli tal-ligi civili.
(3) Izda, il-penali tigi stabbilita mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ... fuq talba tal-kummercjant danneggjat, u ma tkunx anqas minn €465.87 u lanqas izjed minn €4,658.75, skont ma jkun il-kobor tal-fatt, iz- zmien li dam sejjer, ii-mala fidi tal-kontravventur u c-cirkostanzi partikulari l-ohra kollha ta' kull kaz. Dik il-penali tithallas lill-kummercjant danneggjat b'saldu ta' kull pretensjoni tieghu ghad-danni u l-imghaxijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

**Ftehim**

Illi s-socjeta intimata tishaq li l-completion ma sehhitx fid-data meta l-LGA formalment approvat it-trasferiment tal-licenzja tan-negozju in kwistjoni fuqha, imma tghid li skont it-transfer agreement l-'completion' tikkontempla kemm l-approvazzjoni mill-LGA tal-licenzji kif ukoll it-transazzjonijiet elenkati fl-ewwel u t-tieni skeda. Hija ghamlet referenza wkoll ghal email a fol. 70 fejn hemm indikat li fit-transfer agreement kien miftiehem li l-flus li jidhlu mir-rebh u telf jigu kumpensati wara sitt xhur mill-approvazzjoni tal-licenzja. Ghalhekk, skond l-intimata, il-perjodu ta' 24 xahar sabiex tibdel l-isem, ma kienx jibda jiddekorri mill-4 ta' Mejju 2012 meta sehh l-approval tal-LGA imma wara, ghalkemm ma tispecifikax data.

Din l-interpretazzjoni giet ikkontestata mis-socjetajiet rikorrenti li jinsistu li l-'completion' sehh fl-4 ta' Mejju 2012 meta gie approvat it-trasferiment tal-Licenzja mill-Lotteries and Gaming Authority (Dok. GVC3) ghalhekk minn Mejju 2014 il-quddiem is-socjeta intimata ma setghetx tkompli tuza l-isem GVC fl-operat taghha.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-'completion' sehh fid-data meta l-LGA approvat it-trasferiment tal-licenzja minn fuq Gaming VC Corporation Limited ghal fuq GVC New Limited. Fil-fatt kien hemm kundizzjoni (ara art. 4.5 tal-ftehim) li tghid li t-transfer agreement lanqas kien biss jitqies li gie esegwit li kieku l-LGA ma approvatx dak it-trasferiment u l-partijiet kienu jergghu jigu lura ghal l-istatus quo ante. Invece meta gie approvat it-trasferiment u l-LGA harget il-licenzja, sehh il-'completion', hu s-socjeta intimata hadet in-negozju u bdiet topera mill-4 ta' Mejju 2014.

Is-socjeta intimata ssostni li l-'completion' kienet tikkontempla mhux biss l-approvazzjoni mill-LGA imma wkoll li t-transazzjonijiet elenkati fi Skeda 1 u t-trasferimenti tal-assi elenkati fi Skeda 2 u ghalhekk l-24 xahar sabiex is-socjeta intimata tibdel isimha ma kienx jibda jiddekorri mill-4 ta' Mejju 2012 imma meta jsiru dawn it-trasferimenti.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-completion ma kienx jiddependi mit-trasfer ta' dawk l-assi li saret referenza ghalihom, imma li mal-completion kellu jkun hemm transfer tal-assi (ara klawzola 2.3).

Fil-fatt jirrizulta mhux kontestat li, is-socjeta intimata hadet in-negozju tas-socjeta Gaming VC Corporation Ltd meta hargitilha l-licenzja u hija bdiet topera minn dak in-nhar u anke bdiet tuza s-sit elettroniku www.betaland.com. Kieku s-socjeta intimata ma haditx dawk l-assi f'idejha ma kinitx tkun tista' topera l-licenzja moghtija.

Kwantu ghal dak imsemmi fl-email a fol. 70, jirrizulta li ma hemm ebda klawzola fit-transfer agreement li jsemmi xi terminu ta' sitt xhur biex il-flus li jidhlu mir-rebh u telf jigu kkumpensati.

Ghalhekk il-completion sehh meta gie approvat it-trasferiment tal-licenzja mill-Lotteries and Gaming Authority, fl-4 ta' Mejju 2012 u ghalhekk skont il-klawzola 7.2 tal-ftehim mill-4 ta' Mejju 2014 il-quddiem is-socjeta intimata ma setghetx tkompli tuza l-isem GVC fl-operat taghha.

**Konkorrenza sleali**

Illi s-socjetajiet rikorrenti talbu li jigi dikjarat illi s-socjeta intimata hija responsabbli ghal konkorrenza sleali fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti taht l-artikolu 32 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mid-dokument GVC2 jidher li sat-13 ta' Novembru 2014 u anke aktar recentement, ara dokumenti KD1 sa 5 datat Ottubru 2015, is-socjeta' intimata baqghet tuza u tidher fuq is-siti elettronici bl-isem simili jew derivanti mill-isem tas-socjetajiet

rikorrenti. Is-socjeta intimata baqghet tidher fuq is-sit taghha www.betaland.com bhala li topera dan is-sit taht l-isem GVC New Limited li hu simili ghal dak tas-socjetajiet rikorrenti jew derivanti minnu.

Illi l-ilment tas-socjetajiet rikorrenti huwa li l-uzu kontinwat tal-isem taghhom mis-socjeta intimata holoq konfuzjoni mal-ismijiet registrati tar-rikorrenti.

Il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet jimpedixxi lill-intimata milli tkompli tinnegozja bl-isem "GVC" jew "Gaming VC" jew b'kwalunkwe isem iehor simili ghall-istess jew derivanti mill-istess ismijiet li bl-ebda mod ragjonevoli jista' jigi assocjat mal-isem tas-socjeta rikorrenti "Gaming VC Corporation" jew mal-isem tal-grupp ta' kumpanniji li tieghu s-socjeta rikorrenti hija sussidjarja, cioe "GVC Holdings p.l.c." (klawzola 7.2).

Illi s-socjeta intimata tikkontendi li s-socjetajiet kontendenti joperaw u jinnegozjaw fil-qasam tal-online betting taht tradenames partikolari ez betaland u mhux bl-isem tal-kumpanija. Is-sit elettroniku tas-socjeta intimata huwa www.betaland.com u l-licenzja biex topera huwa fuq l-isem ta' Betaland u l-kljentela taghha taf lil betaland u mhux lil Gaming VC Corporation Ltd jew lil GVC New Limited.

Illi l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata billi jirrizulta mill-provi li licenzja li l-LGA harget hija mahruga f'isem is-socjeta intimata, u mid-dokument esebit bhala GVC2 jidher li anke fuq is-sit ta' Betaland.com wiehed issib l-informazzjoni li "Betaland is a trademark of GVC New Limited ..." (fol. 40) u hija GVC New Limited li kienet imnizzla bhala licensed operator mal-Awtorita (GVC3 fol. 43-47). B'hekk kemm il-klijenti fuq is-sit kif ukoll l-awtoritajiet huma mgharrfa li Betaland hija licenzjata ghand socjeta intimata b'isem li jista' jigi konfuz mal-isem is-socjetajlet rikorrenti.

Illi jirizulta li s-socjetajiet rikorrenti kienu juzaw l-isem in kwistjni ferm qabel ma bdiet tinnegozja s-socjeta intimata johrog car li s-socjeta intimata qed topera fl-istess sfera ta’ attivita, b’isem identiku u fl-istess kuntest ta’ zmien u spazju (ara sentenza **Alexander Cutajar et vs Matthew Pace et**, PA 16/03/2015).

Illi ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti ghandhom interess li jassiguraw li l-klijentela taghhom jidentifikaw is-siti li jaccessaw u ma jigux indotti f'konfuzjoni. Is-settur tal-online gaming hu settur regolat b'ligi f'pajjizna u anke barra minn Malta u dawk li jaccessaw is-siti jistriehu fuq ir-reputazzjoni tal-kumpaniji li jidentifikaw bhala li hija s-sit tal-kumpanija li maghha qed jilghabu. Is-socjetajiet li joperaw f'dan is-settur huma soggetti ghal skrutinju u ghalhekk ghandhom interess li ma jkun hemm ebda irregolarita li tista' tigi sancita mill-awtoritajiet tal-pajjiz.

Illi ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha, kif ukoll li tigi mposta il-penali mitluba.

Kwantu ghal penali s-socjetajiet rikorrenti qed jitolbu l-oghla penali permessa mill-ligi u dana ghaliex jishqu li s-socjeta intimata ghazlet li tkompli tuza l-isem GVC minkejja li kienet konsapevoli li ma setghetx taghmel hekk u kisret l-obbligi assunti minnha fit-transfer agreement.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li s-socjeta intimata biddlet isimha xi seba' xhur wara li kienet obbligata u l-Qorti wara li qieset kollox hija tal-fehma li penali ta' €3,000 ghandha tkun gusta fic-cirkostanzi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi, salv dak li nghad hawn fuq, tilqa' t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti €3,000 bhala penali. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet 3, 6, 7, u 8 stante li dawn gew irtirati. Spejjez ghas-socjeta intimata hlief ghat-talbiet li gew irtirati li ghandhom ikunu a karigu tas-socjetajiet rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur